MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 931/2011

**Simon Grima**
**(karta ta' l-identita` bin-numru 574963 (M))**

**vs**

**MH Malta Limited**
**(C – 16025) gia` Hetronic Malta Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur guramentat datat it-28 ta' Settembru, 2011, li permezz tieghu sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti kien gie mpjegat mas-socjeta` ntimata fl-14 ta' Marzu, 1994 bhala *Deputy General Manager* u sussegwentement bhala *General Manager* u anke *Managing Director*;

2. Illi in vista tal-istess, il-partijiet lahqu ftehim li permezz tieghu r-rikorrenti Grima kellu jinghata bonus komplessiv ta' mitejn elf Dollaru Amerikan, ($200,000.00), pagabbli fi tlett (3) rati kif indikat fl-istess rikors fuq indikat;

3. Illi s-socjeta` effettwat l-ewwel pagament rateali fuq indikat;

4. Illi nonostante li debitament interpellata biex taffettwa l-pagament ulterjuri dovut stante li avveraw ruhhom il-kondizzjonijiet pattwiti, is-socjeta` ntimata baqghet inadempjenti;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost ir-rikorrenti talab is-segwenti mill-qorti odjerna:

1. Illi tiddikjara li s-socjeta` ntimata fuq riferita hi debitrici tar-rikorrenti Grima fl-ammont ta' mitt elf Dollaru Amerikan, ($100,000.00), ekwivalenti ghal tlieta u sebghin elf, seba' mija u tletin Ewro, (€73,730.00);

2. Illi tikkundanna lis-socjeta` ntimata thallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` ntimata;

Sodisfatta li s-socjeta` ntimata giet debitament notifikata skont il-ligi permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni;

Tirrileva li s-socjeta` ntimata baqghet fi stat ta' kontumacja;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lir-rikorrenti Grima jerga' jikkonferma t-talbiet tieghu fil-konfront tas-socjeta` ntimata li baqghet inadempjenti;

Tirrileva li m'ghandhiex ragunijiet ghaliex ma takkoljix it-talbiet tar-rikorrenti;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata MH Malta Limited hi debitrici tar-rikorrenti Simon Grima fl-ammont pattwit ta' tlieta u sebghin elf, seba' mija u tletin Ewro, (€73,730.00), kif fuq indikat;

2. Tikkundanna lill-imsemmija socjeta` ntimata thallas l-ammont likwidat fil-paragrafu precedenti lill-imsemmi rikorrenti Simon Grima;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skont il-ligi mit-28 ta' Settembru, 2011, kontra l-istess socjeta` ntimata.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------